MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 283/2009

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Jesmond Gillard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €462.83c (erba' mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 1709 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta' Jannar 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ €462.83c (erba’ mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------